**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Damaris Borg**

**Ref: 5/POL/1900/2023**

**Illum is-6 ta’ Jannar, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ **Damaris Borg** bint Emmanuel u Margerit Borg nee’ Camilleri, residenti Marchris, Triq tal-Barrani, Żejtun, bil-karta tal-identita’ bin-numru 325987M talli nhar is-17 ta’ April 2023 bejn l-16.00hrs u it-20.00hrs meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Christopher Scerri għal uliedkom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti senjatament:

1. Affidavit ta’ PC 184 C. Caruana[1];

[1] Ara a fol 2 *et seq* tal-proċess

2. Okkorrenza bir-referenza 5/POL/1900/2023[2];
3. Vera Kopja tad-Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat 20 ta' Diċembru 2022[3];
4. Screenshot ta' messaġġi mibgħuta mill-imputata lill-ħajjata[4];
5. Skambju ta' e-mails bejn l-partijiet[5]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Semgħet lill-parti leża **Christopher Scerri**[6] jixhed waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 li l-imputata (li hu jagħraf fl-awla) hi l-*ex partner* tiegħu u flimkien għandhom tifla ta' seba' (7) snin. Jispjega li għamel rapport minħabba nuqqas ta' aċċess min-naħa tal-imputata u jippreżenta Vera Kopja tad-Digriet maħruġ mil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat l-20 ta' Diċembru 2022[7]. Jgħid li jibgħat *e-mail* il-Ħadd filgħaxija sabiex jinforma lill-imputata meta għandu l-ġranet *off* għall-ġimgħa ta' wara. Fis-17 ta' April 2023 l-aċċess kellu jkun mill-16.00hrs sat-20.00hrs iżda tali aċċess ma seħħx u ma ngħatax għaliex dakinhar l-imputata kellha tmur għand il-ħajjata bit-tifla. Offra li jwassalha hu iżda l-imputata rrifjutat. Jgħid li l-imputata ma offrietlux soluzzjoni oħra. Jikkonferma li d-Digriet jgħid li fl-eventwalita' li t-tifla jkollha xi impenn, l-omm għandha tibgħatlu pre-avviż u jispjega li dan ma jfissirx li ma joħodiex iżda li tavżah u joħodha hu. Ma jiftakarx jekk qabel ma bagħtilha r-*roster* kienetx informatu li għandha appuntament bit-tifla għand il-ħajjata.

Semgħet lill-imputata **Damaris Borg**[8] tixhed waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 fejn iddikjarat li l-Ħadd 16 ta' April bagħtitilha messaġġ il-ħajjata għall-ħabta tal-16.56hrs u staqsietha jekk setgħetx tieħu lit-tifla l-għada sabiex tipprova l-libsa tal-preċett. Hi ikkonfermat l-appuntament għall-16.00hrs, iżda sa dak il-ħin il-parti leża kien għadu ma bagħtilhiex ir-*roster*. Ftit wara li ftehmet mal-ħajjata, il-parti leża bagħtilha r-*roster* u min-naħa tagħha nfurmatu li t-Tnejn kienet ser tieħu lit-tifla għand il-ħajjata. Irrispondiha li 'ħażin' u

[2] Ara a fol 10 *et seq* tal-proċess
[3] Ara Dok. CS1 esebit minn Christopher Scerri fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024, a fol 23 *et seq* tal-proċess
[4] Ara Dok. DB1 esebit minn Damaris Borg fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024, a fol 35 tal-proċess
[5] Ara Dok. DB2 u Dok DB3 esebiti minn Damaris Borg fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024, a fol 36 u 37 tal-proċess
[6] Ara a fol 17 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok. CS1 esebit minn Christopher Scerri waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 a fol 23 *et seq* tal-proċess
[8] Ara a fol 30 *et seq* tal-proċess

talabha tbiddel il-ġurnata. Mistoqsija sa' x'ħin damet għand il-ħajjata wieġbet li ma tiftakarx pero' tikkonferma li ma damitx siegħat. Tikkonferma li l-aċċess seta' jitkompla wara l-ħajjata iżda hija ma kelliex talba mingħandu.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

L-akkuża li biha hi mixlija l-imputata fil-kawża ojderna u ċioe' li nhar is-17 ta' April 2023 rrifjutat li tagħti aċċess lil Christopher Scerri għal binthom mingħajr raġuni xierqa tinkwadra ruħha taħt l-Artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"***Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min.... meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa***".

Dan allura jfisser li fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni kellha tissodisfa tliet (3) elementi sabiex tipprova l-każ tagħha b'suċċess u ċioe' li kien hemm:

1. Ordni mill-Qorti jew kuntratt li jorbot il-partijiet fuq aċċess;
2. Ir-rifjut t'aċċess da parti ta' min għandu l-kustodja tal-wild;
3. Li ma kienx hemm raġuni xierqa għal tali rifjut t'aċċess.

**L-Ordni mill-Qorti jew Kuntratt li jorbot lill-partijiet fuq Aċċess**

Il-Qorti tara li in atti ġiet ippreżentata Vera Kopja ta' Digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat l-20 ta' Diċembru 2022[9] u li permezz tiegħu l-parti leża Christopher Scerri kellu dritt għall-aċċess ta' bintu billi kull nhar ta' Ħadd jgħaddi r-*roster* tiegħu tal-ġimgħa ta' wara lil Damaris Borg, u jinfurmaha meta ser ikun disponibbli biex jieħu l-minuri darbtejn fil-ġimgħa għal erba siegħat kif ukoll *sleepover* ta' 24 siegħa fi tmiem il-ġimgħa, u ċioe' mill-Ġimgħa għas-Sibt jew mis-Sibt għal-Ħadd. L-istess Digriet jgħid illi l-omm għandha tagħti preavviż lill-

[9] Ara Dok. CS1 esebit minn Christopher Scerri fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 a fol 23 *et seq* tal-proċess

missier bl-appuntmenti li jkollha l-minuri, u konsegwentement m'hemm l-ebda dubju li dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt.

**Ir-Rifjut t'Aċċess**

Fix-xhieda tiegħu l-parti leża Christopher Scerri jiddikjara li huwa mexa skont id-Digriet u li fil-ġurnata tal-Ħadd bagħat lill-imputata l-ġranet li permezz tagħhom ried li jeżerċita l-aċċess. Illi l-imputata wara li kienet ġja informatu li kienet ser tieħu lit-tifla għand il-ħajjata minħabba l-libsa tal-preċett, senjatament qaltlu "***ma tistax Monday għidtlek għax irrid neħodha għand il-ħajjata***...."[10]. Għalhekk bħala stat ta' fatt (u jidher li fuq dan il-punt hemm qbil ukoll) fil-ġurnata tat-Tnejn u ċioe' fid-data mertu tal-kawża odjerna, s-17 t'April 2023 l-imputata rrifjutat milli tagħtih l-aċċess u konsegwentement anke dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt.

**Ir-Raġuni wara r-Rifjut**

Ġialadarba ż-żewġ rekwiżiti msemmija aktar 'il fuq ġew sodisfaċentement pruvati, jibqa' biss allura li l-Qorti sabiex tara jekk ir-rifjut t'aċċess da parti tal-intimata kienx għal raġuni xierqa kif trid il-liġi jew le. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmen Tabone Reale** deċiża mill-Qorti tal-Appell Krimali nhar il-25 ta' Lulju 1994 li kkwotat il-każ Kanadiż **R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co (1967) 1 Ontario Reports 272** "***'Just cause' does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt, suitable' whereas 'just' has a wider meaning involving equitable considerations***", u kompliet tgħid li "***Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp kriminali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha***...". Din il-Qorti tara li meta twieżen l-interessi kollha, dan naturalment jinkludi l-interessi tal-minuri li ġiet mċaħħda minn ħin ma' missierha. Il-Qorti tagħmel referenza għad-Digriet datat 20 ta' Diċembru 2022 senjatament fejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ordnat li l-omm għandha tagħti pre-avviż lill-missier bl-appuntamenti li jkollha il-minuri pero' tali Digriet ma jispeċifikax x'jiġri f'dawn il-ġranet meta l-minuri jkollha tali impenji. L-istess Digriet jesiġi li l-missier għandu jibgħat ir-*roster* lill-imputata fil-ġurnata tal-Ħadd u jispeċifika meta huma l-ġranet li fihom ser jeżerċita l-aċċess tiegħu. Mid-dokumentazzjoni annessa u ċioe'

[10] Ara Dok. DB3 esebit minn Damaris Borg a fol 37 tal-proċess

minn Dok. DB2 u Dok. DB3[11] esebiti in atti jirriżulta li ż-żewġ partijiet imxew mal-ordnijiet tad-Digriet fis-sens li l-imputata infurmatu bl-appuntament tal-ħajjata filwaqt li l-parti leża bgħatilha l-ġranet meta ser jeżerċita d-dritt t'aċċess tiegħu pero' jrid jingħad li l-imputata ma żammitx mat-tempistika u ż-żmien li fih kellha tagħmel dan għaliex it-Tieni talba tar-rikors tispeċifika li l-omm għandha tinfurma lill-missier bl-appuntamenti tal-minuri minn ġimgħatejn qabel u tali talba ġiet milqugħa mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Għalhekk l-imputata kienet tardiva fuq l-appuntament tal-ħajjata. Mil-messaġġi ppreżentanti mill-imputata jirriżulta illi fis-16 ta' April għal-ħabta tal-17.00hrs hija ftehmet mal-ħajjata sabiex tieħu lit-tifla għandha. Mill-iskambju ta' *e-mails* li sar bejn il-partijiet u li ġew ippreżentati mill-imputata jirriżulta illi fl-istess ġurnata u cioe' fis-16 ta' April fil-17.01hrs l-imputata infurmat lill-parti leża bl-appuntament li kien iffissat għall-għada u għalhekk ċertament dan ma kienx ġimgħatejn qabel skond id-Digriet imsemmi u esebit in atti. Sitt minuti wara rrispondiha "***Ħażin, biddilla l-ġurnata ħu paċenzja***"[12]. Kien biss fil-17.33hrs illi l-parti leża informa lill-imputata li kien ser jeżerċita l-aċċess it-Tnejn u t-Tlieta mill-16.00hrs sat-20.00hrs u l-Ħadd mill-17.00hrs sad-21.00hrs. Mill-iskambju li sar bejn il-partijiet jirriżulta illi l-imputat baqa' jinsisti sabiex tibdel il-ġurnata jew il-ħin u li fl-16.00hrs kien ser jgħaddi għat-tifla. Il-parti leża fix-xhieda tiegħu jiddikjara li kien offrilha li jwassalha hu għal tali appuntament iżda dan ċertament ma jirriżultax mill-iskambju, hawn fuq riferut, li sar bejn il-partijiet kif wara kollox ma jirriżultax li kien hemm xi suġġeriment ta' din ix-xorta da parti tal-imputata. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-imputata infurmat lill-parti leża bl-appuntmanet li kellha mat-tifla ftit minuti qabel ma bagħtilha l-ġranet li kien ser jieħu lit-tifla għall-aċċess pero' l-imputata fil-verita' kellha tinfurmah b'dan l-appuntament ġimgħatejn qabel u mhux f'anqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel kif fil-fatt għamlet u pretendiet li l-missier jitlef l-aċċess tiegħu abbażi tal-istess appuntament.

Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li hu minnu li jeżisti l-kunċett t'aċċess kumpensatorju li b'xi mod seta' jtaffi jew seta' jagħmel tajjeb għaż-żmien mitluf pero' in atti m'hemm xejn li jista' jindika dan. Jidher li l-partijiet, ironikament minkejja li ġew ordnati jagħmlu *parenting course* ma kienux kapaċi jaslu fuq xi forma ta' kompromess u dan għaliex minn banda l-

---

[11] Ara a fol 36 u 37 tal-proċess
[12] Ara a fol 36 tal-proċess

imputata lanqas biss pruvat tbiddel il-ħin jew il-ġurnata tal-appuntament mal-ħajjata (ara Dok. DB1[13]) minkejja li kellha l-obbligu li tinfurma lill-missier b'tali tip t'appuntamenti ġimgħatejn qabel u min-naħa l-oħra l-parti leża seta' jkun ftit aktar akkomodanti fil-kuntest tal-fatt li din l-omm ma tistax tippjana fit-tul minħabba l-fatt li jibgħatilha r-*roster* tiegħu biss fil-ġurnata tal-Ħadd qabel ma tkun ser tibda l-ġimgħa. Hu minnu li dan isir fuq ordni tal-Qorti u li l-istess parti leża m'għandux kontroll fuq meta toħroġ tali *roster* pero' dan ma jneħħi xejn min-nuqqas ta' struttura u pjanar li tali sistema neċessarjament iġġib magħha. Din il-Qorti tara li ġialadarba d-Digriet ma jsemmi xejn fuq il-ġranet meta jkun pjanat li jkun hemm l-aċċess u l-minuri jkollha xi impenn ieħor u fuq kollox ġialadarba l-imputata kellha tinfurma lill-missier bl-impenji u l-attivitajiet li jkollha l-minuri minn ġimgħatejn qabel, allura l-aċċess tal-missier irid neċessarjament jipprevali. Mill-qari tar-rikors li eventwalment wassal għad-Digriet tal-20 ta' Diċembru 2022[14] jirriżulta ċar li l-Ordni tal-Qorti fuq l-imputata biex tinfurmah bl-appuntamenti li jkollha l-minuri hu f'kuntest ta' attivitajiet u impenji li tattendi b'mod regolari u mhux xi impenn *one-off* bħal m'hu l-appuntament tal-ħajjata għalkemm dan naturalment mhux eskluż lanqas. Tant hu hekk li premessa numru 24 tar-rikors isemmi li l-missier "***jixtieq ikun edott ta' kwalsiasi attivita' illi l-minuri preżentement tattendi u/ jew ser tkun qed tattendi fix-xitwa***"[15]. *Di piu'*, l-pre-avviż *ai termini* tad-Digriet imsemmi irid ikun minn ġimgħatejn qabel skond it-tieni talba tar-rikors ta' Christopher Scerri stess li ġiet milqugħa permezz tad-Digriet imsemmi. Dan allura jfisser li l-fatt li l-imputata nfurmatu bl-appuntament tal-ħajjata ġurnata biss qabel u huwa *a one-off appointment* (fis-sens li mhux xi appuntament jew attivita' li l-minuri jkollha kull ġimgħa) din il-Qorti tara li l-imputata ma kienitx ġustifikata sabiex arbitrarjament iċċaħħad l-aċċess lill-missier li kien mexa skond id-Digriet tal-Qorti *ad litteram* biex jara lil bintu.

Minn dak kollu suespost **<u>jirriżulta ampjament ċar lil din il-Qorti li dak li verament ġara fil-każ odjern hu li l-imputata webbset rasha, għamlet fattiha, lanqas biss pruvat tbiddel l-appuntament mal-ħajjata u għażlet li tieħu lill-minuri għal tali appuntament a skapitu tal-ħin ma' missierha mingħajr m'offriet xi forma ta' soluzzjoni.</u>**

---

[13] Ara a fol 35 tal-proċess
[14] Ara Dok. CS1 esebit minn Christopher Scerri waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 a fol 23 tal-proċess
[15] Ara a fol 27 tal-proċess

Għal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti, ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih qed tiġi mixlija l-imputata kif ukoll dak li ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Diana Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 t'Ottubru 2019 (Appell numru 115 tal-2018) imsemmija aktar 'il fuq, ir-reat li bih hija akkużata l-imputata "...***huwa reat li jolqot direttament l-ordni pubbliku in kwantu jittratta l-obbedjenza stretta li persuna għandu jkollha lejn ordnijiet ta' Qorti kif ukoll patti kontrattwali. Iżda mhux biss.... (l-)għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jaraw li l-aċċess għall-minuri jiġi effettivament eżerċitat u mhux biss li jippunixxi l-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament***." Din il-Qorti tara wkoll li jirriżulta lil-akkuża hija msejsa fuq data partikolari u li għalhekk piena ta' detenzjoni ma tkunx waħda idoneja.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2)(b), l-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni hekk kif miġjuba kontra tagħha** u tikkundannaha għal ammenda ta' tmienja u ħamsin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23).

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**